

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-3 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof van Beroep te Gent – il-Belġju) – Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra X

(Kawża C-717/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Mandat ta' arrest Ewropew – Artikolu 2(2) – Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew – Tneħħija tal-verifika ta' kriminalità doppja tal-fatt – Kundizzjonijiet – Reat issanzjonat mill-Istat Membru emittenti b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin – Emenda tal-leġiżlazzjoni kriminali tal-Istat Membru emittenti bejn id-data tal-fatti u d-data tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew – Verżjoni tal-liġi li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi vverifikat il-livell minimu ta' piena għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin)

(2020/C 137/22)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Beroep te Gent

Partijiet fil-kawża prinċipali

X

Dispożittiv

L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi vverifikat jekk ir-reat li għalih inħareġ mandat ta' arrest Ewropew ikunx punibbli fl-Istat Membru emittenti b'piena jew b'miżura li tneħħi l-libertà ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin, kif iddefinit fid-dritt tal-Istat Membru emittenti, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni d-dritt tal-Istat Membru emittenti fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti li jkunu taw lok għall-kawża li fil-kuntest tagħha jkun inħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew.

⁽¹⁾ ĠU C 35, 28.1.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' Jannar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Grondwettelijk Hof – il-Belġju) – Anton van Zantbeek VOF vs Ministerraad

(Kawża C-725/18) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 56 TFUE – Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet tal-Borża konklużi jew eżegwiti fi Stat Membru – Differenza fit-trattament għad-detriment tad-destinatarji ta' servizzi li jirrikorru għal intermedjarji professjonisti mhux residenti – Restrizzjoni – Ġustifikazzjoni)

(2020/C 137/23)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Grondwettelijk Hof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Anton van Zantbeek VOF

Konvenut: Ministerraad

Dispożittiv

L-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistabbilixxi taxxa fuq it-tranżazzjonijiet tal-Borża konklużi jew eżegwiti fuq ordni ta' resident ta' dan l-Istat Membru minn intermedjarju professjonist mhux residenti, li għandha bħala konsegwenza restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn tali intermedjarji professjonisti, sakemm din il-leġiżlazzjoni toffri lil tali persuna li tikkummissjona x-xogħol u lill-imsemmija intermedjarji professjonisti faċilitajiet, kemm f'dak li jirrigwarda l-obbligi ta' dikjarazzjoni marbutin ma' din it-taxxa, kif ukoll il-ħlas tagħha, li jillimitaw din ir-restrizzjoni għal dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mill-imsemmija leġiżlazzjoni.

(¹) ĠU C 44, 4.2.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-27 ta' Frar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Halle – il-Ġermanja) – TK (C-773/18), UL (C-774/18), VM (C-775/18) vs Land Sachsen-Anhalt

(Kawżi magħquda C-773/18 sa C-775/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Artikoli 2 u 6 – Projbizzjoni minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Remunerazzjoni tal-uffiċjali – Sistema ta' remunerazzjoni diskriminatorja – Arretrati fuq ir-remunerazzjoni kkalkolati fuq il-bażi ta' klassifikazzjoni diskriminatorja preċedenti – Diskriminazzjoni ġdida – Artikolu 9 – Kumpens minħabba leġiżlazzjoni diskriminatorja – Terminu ta' dekadenza għat-tressiq ta' talba għal kumpens – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività)

(2020/C 137/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Halle

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TK (C-773/18), UL (C-774/18), VM (C-775/18)

Konvenut: Land Sachsen-Anhalt

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 2 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sa fejn tissodisfa l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet miksuba f'kuntest iddefinit b'mod partikolari kemm min-numru għoli ta' uffiċjali u ta' mħallfin ikkonċernati kif ukoll mill-assenza ta' sistema valida ta' riferiment u sa fejn ma twassalx sabiex maż-żmien titwettaq differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, dawn ma jipprekludux miżura li tagħti lil uffiċjali u lil imħallfin, sabiex tiġi żgurata lilhom remunerazzjoni adegwata, arretrati fuq ir-remunerazzjoni li jammontaw għal perċentwali mir-remunerazzjoni bażika li preċedentement irċevew bis-saħħa, b'mod partikolari, ta' skala ta' remunerazzjoni bażika li kienet ġiet iddeterminata, għal kull grad, mar-reklutaġġ tagħhom, skont l-età tagħhom.
- 2) Il-prinċipju ta' effettività għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jiffissa l-bidu tad-dekorrenza ta' terminu ta' dekadenza ta' xahrejn għat-tressiq ta' talba għal kumpens għad-danni li jirriżultaw minn miżura li tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-jum tal-għoti ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li kkonstatat in-natura diskriminatorja ta' miżura simili, meta l-persuni kkonċernati jgħaddu mir-riskju li ma jkunux f'pożizzjoni li jkollhom għarfien, fl-imsemmi terminu, dwar l-eżistenza jew l-importanza tad-diskriminazzjoni li tagħha kienu vittmi. B'mod partikolari dan jista' jkun il-każ meta, fl-imsemmi Stati Membru, tkun teżisti kontroversja dwar il-possibbiltà li mal-miżura kkonċernata jiġu transposti l-prinċipji li jirriżultaw minn din is-sentenza.

(¹) ĠU C 112, 25.3.2019.